MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 91/2004

**Citadel Insurance plc kif surrogata sia bil-polza u sia bil-Ligi fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Jesmond Tonna u l-istess Jesmond Tonna**

**vs**

**Michael Sant**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004 fejn intqal illi filwaqt li l-attur kien qed isuq il-vettura tieghu GAO 926, huwa safa milqut mill-konvenut bi trakk nru KAA 621. Peress illi kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' is-socjeta' attrici halest id-danni u tinsab surrogata ghalihom. Ghandha tiehu tmien mija tnejn u sebghin lira u tmintax-il centezmu (Lm872.18). L-attur ghandu jiehu hamsa u ghoxrin lira (Lm25) excess u hamsin lira**

**(Lm50) kiri ta' vettura, b'kollox hamsa u sebghin lira (Lm75).**
**Debitament interpellat biex ihallas billi kien unikament responsabbli stante imperizja, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, kellha ssir din il-kawza ghax baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju 2003 u dik tal-prezentata kontestevolment, bl-interessi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Frar, 2004 fejn intqal illi:**
**L-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza gara unikament bi htija tal-attur Jesmond Tonna.**
**Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.**
**Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Sema' x-xhieda ta' PS69 Jesmond Cremona, Jesmond Tonna, Michael Sant. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet St. Andrew's Road, San Giljan, fit-30 ta' Settembru, 2002 filghodu, bejn il-vettura Rover numru ta' registrazzjoni GAO-926 misjuqa minn Jesmond Tonna, u t-truck bin-numru ta' registrazzjoni KAA-321 misjuq mill-konvenut Micahel Sant.**
**2. Iz-zewg vetturi kienu gejjin mill-istess direzzjoni cioe f'St.Andrew's Road, fid-direzzjoni ta' Pembroke.**
**3. Skond ma intqal fir-road accident report l-attur jghid li t-truck kien miexi ghan-nofs il-karreggata,**

**meta fsalt kiser lejn il-lemin biex jevita vettura li kienet hierga minn Triq id-Dris li tigi fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut jghid li kien miexi fuq il-karreggata ta' barra, u jammetti li kien hemm vettura hierga minn Triq id-Dris, pero` jghid li Tonna ittanta sorpass u sehhet il-kollizzjoni.**

**4. It-Tribunal innota li skond l-iskizz esebit, Dok.A a fol 19 tal-process, u skond ma xehed PS 69 Jesmond Caruana, s-spot of impact jinsab hdax-il metru il-boghod minn Triq id-Dris. L-attur ma qabilx dwar is-spot of imact indikat, u mmarka b'X fejn deherlu li sar l-impatt. Fir-rigward it-Tribunal hu aktar propens li jaccetta dak li qed jghid l-attur fir-rigward.**

**5. Hemm ukoll brake marks indikati fl-iskizz, liema brake marks jinsabu vicin ferm tal-linja medjana tat-triq.  Is-Surgent ma kienx cert ta' min kienu dawn il-brake marks pero` kien aktar tal-parir li kienu tat-Truck. Dwar dawn il-brake marks l-attur ma jaqbilx li dawn kienu tat-truck, izda jghid li dawn kienu hemm. Ghalhekk, in vista tal-incertezza tal-istess Surgent fir-rigward, it-Tribunal ma jhossx li jista' jigbed ebda konkluzjoni dwar dawn il-"brake marks".**

**6. Jirrizulta wkoll li l-vettura tal-attur spiccat 30.5 metri l-boghod mit-truck, wara l-incident.**

**7. Skond l-attur , it-truck kien qed isuq fil-karregata ta' gewwa, filwaqt li hu kien fil-karreggata ta' barra. Dana jaqbel ma dak li stqarr a tempo vergine fir-road accident report.**

**8. Il-konvenut xehed li kien qed isuq fil-karreggata ta' gewwa. Hu qabez lix-xarabank li kienet waqfet fuq l-istage, u kif qed jaqbizha gie l-attur minn warajh li pprova jaqbzu. It-Tribunal jinnota li l-istess konvenut ma semma xejn minn dan lis-Surgent, u ghalhekk ma hux qed jaccetta din il-verzjoni.**

**9. Jirrizulta li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fuq il-genb fil-bieba tax-xellug, filwaqt li l-konvenut kellu danni fil-mudguard ta' quddiem tal-lemin.**

**10. Minn dak li ntqal, tenut kont ta' fejn spicca il-konvenut, huwa verosimili li l-istess konvenut kiser il-barra xi ftit  minhabba il-vettura li kienet hierga minn Triq id-Dris. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx ghaddej kompletament fil-karreggata ta' gewwa, u lanqas**

**kompletament fil-karreggata ta' barra. Jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq vettura kbira, mhux fil-karreggata, u li l-vizwali tieghu kienet limitata, anke ghall-vetturi li jghaddu minn mal-genb tieghu. Ghalhekk kien jispetta lill-konvenut li jsuq bl-akbar diligenza, u ma jaghmilx manuvri azzardati.**

**11. Mid-daqqa li ghandu l-attur jidher li dan kien qed jissorpassa lill-konvenut, anzi kien gja qed jipprecedih meta sehhet il-kollizzjoni. Tenut kont li l-attur ma kienx kompletament fil-karreggata ta' gewwa, jsegwi li l-attur necessarjament kien jew ghaddej inkaxxat mal-konvenut, jew addirittura kien qabez il-linja medjana tat-triq. F'dan is-sens it-Tribunal jirriskontra certu nuqqas fil-manuvra tal-attur, u konsegwentement certa kontributorjeta` ghall-incident li sehh.**

**12. Ghalhekk ghal din il-kollizzjoni ghandu jigi ritenut responsabbli il-konvenut fi grad ta' tlett kwarti, filwaqt li l-attur kien responsabbli fi grad ta' kwart. It-tort principali tal-konvenut kien fil-manuvra li ghamel meta kiser ghall-fuq l-attur, kif ukoll talli ma zammx proper look out ghall-vettura li kienet ghaddejja nkaxxata mieghu.**

**13. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-dokumenti esebiti Dok.C1 sa C5.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenut responsabbli fi grad ta' tlett kwarti ghall-kollizzjoni li sehhet, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u tletin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm635.38), u lill-attur Jesmond Tonna s-somma ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum.**

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------